# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru:- 55/2021BS**

**Dr Joseph Falzon u martu Dr Ruth Falzon**

**Vs**

**John Bryan Delaney li jidher kemm f'ismu propju kif ukoll għan-nom ta' Tabello Data Limited kumpanija b'responsabilità limitata inkoroprata fir-Renju Unit numru 10184850, Caroline Ann Floyd u s-soċjetà Tabello Malta Limited C-66607**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-Professur Dr Joseph Falzon u martu Dr Ruth Falzon illi ppremettew:**

1. Illi permezz ta' skrittura datata 17 ta' Frar 2018 (Dok A l-atturi kienu daħlu fi ftehim mal-konvenuta fis-sens illi għaddewlhom is-somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) bl-intiża li jservu sabiex l-atturi jidħlu soċji fis-socjetà Tabello Malta Limited li hi soċjetà b'responsabilità limitata li l-azzjonisti tagħha huma l-konvenuti;

2. Illi ġie miftiehem ukoll bl-istess skrittura li jekk il-konvenuti ma jgħaddux l-azzjonijiet (*shares*) relattvi għas-somma versta mill-atturi alluri dik is-somma għandha tiġi kkunsidrata bħala self lill-istess konvenuti u li jiġu kunsiderati in mora għal kull fini u effett tal-liġi u allura dovuta immedjatament;

3. Illi ġie miftiehem ukoll bl-istess skrittura oħra datata 31 ta' Mejju 2018 l-atturi reġgħu għaddew somma flus ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) bħala self lill-konvenuti li kellha ġġorr magħha l-imgħax bir-rata ta' 3% fis-sena li kellhom jiġu restitwiti fi żmien sitt xhur ossija mija u tmenin (180) ġurnata;

4. Illi l-konvenuti naqsu li jonoraw il-ftehim u l-pattijiet fuq imsemmija mal-atturi fit-termini stabbiliti anzi kien il-mod kif jiddefradaw lill-atturi skont ma jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża tant li l-atturi kellhom jiterpellawhom uffiċjalment permezz ta' ittra uffiċjali datata sebgħa (7) ta' Mejju 2019;

5. Illi l-atturi jridu li jiġu restitwiti lilhom is-somom ta' flus versati mill-konvenuti flimkien mal-imgħaxijiet relattivi;

6. Illi l-atturi jiddikjaraw li jafu dawn il-fatti kollha personalment.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tiddikjara lill-konvenuti in solidum u separatament bħala debituri tal-atturi fis-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000) kwantu għas-somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) skont l-iskrittura tas-17 ta' Frar 2018 u kwantu għar-rimanenti somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) kostitwiti permezz tal-iskrittura datata 31 ta' Mejju 2018.

ii. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma fuq indikata bl-imgħaxijiet relattivi mid-data ta' meta bdew jiddekorru sad-data tal-ħlas effetiv.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subbizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha illi eċċepew:**

It-talbiet attriċi huma għalkollox infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, u dana għas-segwenti raġunijiet:

1. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex kompetenza sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża li għandha quddiemha; liema kawża kellha semmai titressaq quddiem is-Sezzjoni tal-Kummerċ;

2. Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jiġi senjalat illi s-socjeta Tabello Data Limited ġiet likwidata u xolta fir-Renju Unit, u konsegwentement din il-proċedura ma tistax tissokkta qabel mal-istess soċjetà tiġi debitament resuxxitata fit-termini tal-liġi applikabbli. Fin-nuqqas li jsir dan, il-ġudizzju ma jistax jitqies li huwa integru;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jeċċepixxu l-konfużjoni f'din il-kawża stante li jirriżulta li l-attur qed jeżerċita żewġ tipi ta' azzjonijiet distinti f'kawża waħda (ċjoè, waħda abbażi tal-ftehim tas-17 ta' Frar 2018 kontra l-konvenuti kollha, u azzjoni separata bbażata fuq il-ftehim tal-31 ta' Mejju 2018 kontra l-konvenuti John Bryan Delaney u Tabello [Malta] Limited biss), u dan mhux permess fis-sistema ġuridika ta' pajjiżna;

4. Illi fil-mertu mbagħad u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-premess, it-talbiet attriċi huma għalkollox infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont m'huwa dovut lill-atturi kif qed jippretendu huma, inkluz għaliex kienu l-azzjonijiet u l-maniġġi da parti tal-atturi stess illi wasslu sabiex in-negozju ta' bejn il-partijiet la ma seta' jingħalaq u anqas ma seta' jħalli frott; kollox kif ser jirriżulta aħjar fil-mori ta' din il-kawża;

5. Illi fil-ħames lok, u mingħajr preġudizzju għal dak kollu premess, kemm-il darba jirriżulta li tassew hemm xi ammont li huwa dovut lill-atturi (minkejja li dan huwa kontestat), allura dan għandu jiġi paċut kontra parti minn ammont akbar illi huwa talvolta dovut mill-atturi lill-esponenti jew min minnhom; kollox kif ser jiġi spjegat u mistharreg aħjar fil-kawża li ser tkun qed tiġi intavolata mill-esponenti jew min minnhom stess;

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi illi huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Diċembru 2021 il-Qorti ddifferiet il-kawża għall-provi dwar l-eċċezzjoni tal-kompetenza ta' din il-Qorti;

Rat in-noti ta' referenzi li ppreżentaw il-partijiet rispettivament;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni finali;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum limitatament sabiex tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Il-partijiet huma l-firmatarji fuq żewġ atti ta' ftehim separati permezz ta' liema l-atturi għaddew lill-konvenuti jew min minnhom ammonti mportanti ta' flus.

Permezz tal-att tas-17 ta' Frar 2018 l-atturi, li fuq l-att issir referenza għalihom qua '*Lead Investors*', għaddew lill-konvenuti s-somma ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) sabiex din tiġi investita fil-kumpanija konvenuta u b'hekk l-atturi jakkwistaw l-ammont ta' 314 *preference shares* u jsiru l-proprjetarji tas-sehem ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ishma tal-kumpanija.

Bis-saħħa tal-ftehim tal-31 ta' Mejju 2018, l-atturi silfu lill-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) sabiex jitħallsu xi djun tal-kumpanija.

Fin-nota ta' referenzi tagħhom il-konvenuti jgħidu illi l-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar investimenti u trasferiment t'ishma f'kumpanija. Jgħidu għalhekk illi sabiex il-Qorti tagħti deċiżjoni fil-mertu trid tabilħaqq tinoltra fi kwistjonijiet ta' natura kummerċjali u li għalhekk m'għandhiex il-kompetenza sabiex tagħmel dan l-istħarriġ. Il-konvenuti għamlu wkoll

referenza għal-liġi sussidjarja 12.19 intoltata *"Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili"* li taħt ir-regolament 5A tipprovdi li kwistjonijiet ta' natura kummerċjali għandhom jiġu trattati u deċiżi mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

L-atturi rribattew billi qalu li din hija sempliċement kawża ta' indole ċivili għaliex għalkemm l-iskop kien li l-flus li l-atturi għaddew lill-konvenuti kellhom jiġu konvertiti f'azzjonijiet, xejn minn dan ma ġara għaliex il-flus baqgħu miżmuma mill-konvenuti. L-atturi għamlu wkoll referenza għall-att tas-17 ta' Frar 2018 fejn jingħad testwalment illi *"until the Shares are issued to the Lead Investors, the money transferred to the Company by the Lead Investors shall be considered a loan by the Lead Investors made to the Founders and to the Company and to Tabello Malta for which the Founders and the Company and Tabello Malta shall be held jointly and severally liable in the event that the Shares are not issued by the anticipated date."* Jgħidu għalhekk illi ladarba l-investiment ma sarx il-kawża hija waħda sempliċement dwar restituzzjoni ta' flus.

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qorti hija determinata mit-talbiet għaliex huwa proprju fit-talbiet u l-premessi tiegħu li l-attur jifforma l-parametri u jiddetermina l-indole tal-azzjoni.

Fil-każ tal-lum it-talba attriċi hija għall-kundanna ta' ħlas ta' ammonti li l-atturi għaddew lill-konvenuti. Huwa minnu li l-iskop wara dan il-versament favur il-konvenuti kien sabiex l-atturi jinvestu fis-soċjetà konvenuta. Madanakollu dan l-investiment ma jidhirx li sar. Minn dak illi jirriżulta mill-ftehim tas-17 ta' Frar 2018 jidher illi l-partijiet laqgħu għal din l-eventwalità tant illi fuq l-istess ftehim indikaw bi kliem espliċitu li sakemm ma jinħarġu l-azzjonijiet f'isem l-atturi, il-flus mgħoddija mill-atturi lill-konvenuti kellhom jibqgħu meqjusa bħala self.

Fit-twaqqif, tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), il-leġislatur ħaseb sabiex jagħti lil din is-sezzjoni tal-Qorti kompetenza u ġurisdizzjoni ben definiti. Fit-termini tal-Artikolu 5A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19:

*5A. Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u lihuma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpanniji, l-Attdwar il-Kompetizzjoni u kull regolament*

*magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, u l-Attdwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.*

Fil-każ tal-lum l-investiment qatt ma ġie konvertit f'ishma u għalhekk dan l-investiment żamm in-natura tiegħu ta' 'self' restitwibbli lura kif del resto pattwit fuq l-att tas-17 ta' Frar. Il-Qorti tqis għalhekk illi ġaladarba l-flus imħallsa mill-atturi baqgħu ma ssarrfux f'ishma, il-kwistjoni baqgħet waħda regolabbli taħt il-liġi ċivili. Il-konvenut kien ikollu raġun jeċċepixxi l-inkompetenza tal-Qorti li kieku l-ishma laħqu nħarġu f'isem l-attur, fatt dan illi sal-mument li ġie ntavolat ir-rikors odjern baqa' ma seħħx.

Fiċ-ċirkostanzi l-eċċezzjoni preliminari sejra tiġi miċħuda.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni in parte jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur